2 ta' Frar, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Thanuardas Vasvani**

**Proċedura bl-Ilsien Ingliż — Sentenza — Nullità — Art. 559 tal-Kodiċi Kriminali**

***Sentenza kriminali mogħtija bil-lingwa maltija meta l-proċeduri, skond il-liġi, messhom saru bil-lingwa ingliża, hija nulla.***

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli fil-Belt Valletta, fis-16 ta' Ottubru 1956, mingħajr raġuni tajba, irrifjuta li jbiegħ libsa tas-suf lill-konsumaturi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Novembru 1956, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ħlas ta' £3 multa;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li s-sentenza tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Peress li l-proċeduri kien imisshom saru bil-lingwa ngliża, għaliex l-imputat, kif deher mix-xhieda tiegħu mogħtija l-lum, huwa persuna li titkellem bl-ingliż fis-sens tal-art. 559 Kap. 12;

Għalhekk;

Tilqa' l-eċċezzjoni tad-Difiża u tiddikjara nulla s-sentenza appellata; u tordna li l-kawża tiġi trattata mill-ġdid quddiem din il-Qorti, u tordna li l-proċeduri jsiru bl-ingliż.